**- APPALT –**

**- ARTIKOLU 1640 KAP 16. -**

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 31 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru. 16**
**Citaz. Numru. 602/96/RCP.**

**Joseph Aquilina.**

**vs**

**Stella armla ta' Joseph Micallef.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 2 tal-process fejn gie premess:

Illi l-istanti u l-konvenuta kkonkludew ftehim tas-7 ta' Awissu 1996 li permezz tieghu l-istanti kellu jesegwixxi appalt ta' kisi, tikhil u xoghol konness fil-fond proprjeta' tal-konvenuta;

Illi ghal dan l-appalt l-attur ircieva akkont minghand il-konvenuta s-somma ta' sebgha u hamsin lira Maltija (Lm750) u nonostante li huwa intitolat ghall-ammont bilancjali akbar, ghad baqghalu jircievi ghall-appalt minnu esegwit is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450);

Illi nonostante li l-konvenuta giet interpellata bosta drabi biex thallas hi baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddeciedi skond it-talba tal-attur bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili.

(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450) bilanc ta' somma akbar, ghall-appalt ta' kisi, tikhil, u xoghol konness fil-fond taghha minnu hekk esegwit.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-6 ta' Ottubru 1995 u tal-ittri legali tal-15 ta' Settembru 1995, 9 ta' Novembru 1995, 30 ta' Novembru 1995, u 1 ta' Frar 1996 kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess atturi a fol.3 tal-process.

Rat l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici a fol. 4 sa 6 tal-process inkluza l-iskrittura privata tas-17 ta' Awissu 1995 a fol. 6 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 1996 fejn wara li xehdet il-konvenuta, il-Qorti laqghet it-talba taghha u inghatat il-fakolta' li tipprezenta l-eccezzjoni taghha fi zmien ghoxrin (20) gurnata mill-istess verbal.

Rat ix-xhieda tal-konvenuta tat-28 ta' Frar 1996 a fol. 12 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 16 tal-process fejn ecceppiet:-

(1) Illi l-procedura maghzula mill-attur mhix korretta stante li l-ammont pretiz minnu mhuwiex wiehed cert u likwidu u mhux minnu li ghandu jiehu dak l-ammont.

(2) Illi huwa minnu li kien hemm skrittura bejn il-partijiet dwar xi xogholijiet imma din l-iskrittura giet maghmula b'qerq mill-attur li ma nizzilx ix-xoghol kollu miftiehem.

(3) Illi apparti dan l-attur ma kompliex ix-xoghol miftiehem u telaq jahdem ghand haddiehor u l-konvenuta sofriet danni kagun l-agir kapriccuz ta' l-attur.

(4) Illi tant mhux likwidu u cert l-ammont pretiz mill-attur, illi l-periti tal-partijiet ma qablux bejniethom dwar il-bilanc li huwa dovut lill-attur.

(5) Illi barra minnhekk ix-xoghol li lahaq esegwixxa l-attur inhadem bi traskuragini u fih difetti kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

(6) Illi barra minnhekk il-konvenuta issuplixxiet materjal lill-attur u dan kollu jitnaqqas mill-ftehim originali.

(7) Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazjoni tal-konvenuta a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 16 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 1996 fejn gie nominat il-perit tekniku A.I.C. Albert Fenech sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici, filwaqt li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, a karigu provvizorju tal-istess attur.

Rat il-verbali tat-28 ta' Ottubru 1996, 4 ta' Novembru 1996, 3 ta' Marzu 1997, 16 ta' Gunju 1997, 26 ta' Novembru 1997, 27 ta' Marzu 1998, 9 ta' Novembru 1998, 18 ta' Jannar 1999, 16 ta' Gunju 1999, 18 ta' Ottubru 1999, 8 ta' Mejju 1999, 25 ta' Frar 2000, 9 ta' Ottubru 2000, 16 ta' Novembru 2000, 14 ta' Dicembru 2000, 15 ta' Jannar 2001, 31 ta' Jannar 2001, 12 ta' Frar 2001, 3 ta' April 2001, u 16 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2001.

Rat ir-rapport peritali a fol. 48 sa 66 tal-process mahluf fis-seduta tal-12 ta' Frar 2001.

Rat is-seduti, xhieda, u dokumenti esebiti quddiem l-istess Perit Tekniku.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tikkoncerna talba mill-attur kontra l-konvenuta sabiex thallas lilu l-ammont ta’ Lm450 bilanc minn somma akbar rappresentanti valur ta’ appalt ta’ kisi, tikhil u xoghol konness maghmul mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuta fil-fond taghha.

Illi l-konvenuta resqet diversi eccezzjonijiet fosthom li l-iskrittura saret b’qerq stante li l-attur ma nizzilx ix-xoghol kollhu miftiehem, li l-attur abbandunna ix-xoghol, li x-xoghol esegwit kien fih difetti, u li l-bilanc mhux dovut ghaliex ma jikkorrispondix max-xoghol li effettivament sar mill-attur, u fl-ahharnett li l-konvenuta ssupliet il-materjal u l-valur tal-istess ghandu jitnaqqas mill-istess ammont dovut *se mai* mill-ftehim originali.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta li bejn il-partijiet giet iffirmata skrittura datata 7 ta’ Awissu 1995, fejn gie specifikat li l-attur kellu jaghmel xoghol ta’ tikhil fuq gewwa u fuq barra, kisi tas-soqfa u hitan tal-bricks, kontrabejt u zrar ta’ ‘*three eights’* (3/8”) ghal taht il-madum, fid-dar tal-konvenuta mibnija gdida ghas-somma globali ta’ Lm2,000.

Illi jirrizulta li din l-iskrittura ghalkemm miktuba min huh l-attur Anthony Aquilina, giet iffirmata mill-

konvenuta fil-presenza ta' bintha Anne Aquilina, mart l-attur u wkoll bintha l-ohra Mary.

Illi **l-konvenuta** sostniet li minbarra x-xoghol indikat fl-istess skrittura, l-attur kellu jikkomunika id-drenagg ma' tal-*main* tal-Gvern, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan ma kienx parti mill-ftehim milhuq bejn il-partijiet ghaliex kieku kien jitnizel ukoll fl-istess skrittura specjalment meta wiehed jikkonsidra li meta l-konvenuta iffirmat l-istess kellha lill-uliedha prezenti. Veru li hija sostniet li ma tafx tikteb, kif lanqas jafu jiktbu uliedha, pero' l-attur fix-xhieda tieghu insista li huwa qara l-istess skrittura lill-attrici u din iffirmatha, u din il-Qorti thoss li din ix-xhieda hija iktar konsistenti mal-provi imressqa mill-istess partijiet.

Illi mhux hekk biss izda l-konvenuta u bintha Mary Micallef iridu jaghtu x'jifhmu fix-xhieda taghhom li l-istess konvenuta iffirmat l-iskrittura meta ma' kienitx taf x'kien fiha l-istess skrittura, u dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma huwiex verosimili, meta jirrizulta li skond il-versjoni tal-istess konvenuta, meta hija f'xi mument indunat li tali xoghol ta' drenagg ma kienx inkluz fl-istess skrittura, hija assolutament ma ghamlet xejn dwar l-istess sabiex tirranga is-sitwazzjoni, u dan lanqas meta inqala' d-dizgwid mal-attur li abbazi tieghu fl-ahharnett gie abbandunat jew mitmum l-appalt bejn il-partijiet.

Illi fuq kollox Mary Micallef fis-seduta tal-21 ta' Novembru 1997 sostniet li hija qalet lill-ommha sabiex tiffirma l-istess karta, allavolja skond l-istess xhud la hija u lanqas ommha ma kienu qraw l-istess karta, ghaliex sostniet li jekk jinqala' xi haga, wara ifittxu lill-attur. Certament li din ix-xhieda ma taghti l-ebda kredibilita' lit-tezi tal-konvenuta, ghaliex din il-Qorti thoss li l-istess konvenuta kienet taf sewwa x'qed tiffirma anke ghaliex l-attur qralha l-istess skrittura u fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta tul ix-xhieda kollha taghha uriet li hija kienet taf sew tipproteggi l-interessi taghha, u din l-allegata mankanza taghha tistona sew mal-kumplament tal-komportament taghha fil-kwistjoni mal-attur, fejn dehret zvelta u taf l-affarijiet taghha sew.

Illi min-naha l-ohra tali xhieda tal-istess Mary Micallef, jekk min-naha l-ohra kellha titiehed ghall-grazzja tal-argument bhala tali, certament li din turi nuqqas ta' serjeta' gravi fil-konfront tal-konvenuta nnifsha kif hija ressqet ghall-istess skrittura fejn uriet negligenza serja ghad-dannu taghha nnifisha, fejn skond hija ghazlet li tiffirma skrittura, li jekk tiehu l-versjoni taghha hija ma kienitx taf x'fiha, u ghal dan in-nuqqas u traskuragini da parte taghha ghandha ovvjament issofri l-konsegwenzi hija.

Illi pero' din il-Qorti tirrepetti li fl-opinjoni taghha din il-vesjoni tal-konvenuta ma hijiex kredibbli kemm

minhabba dak li fuq inghad u wkoll peress li fl-istess xhieda tal-konvenuta u tax-xhieda minnha prodotti hemm wisq inkonsistenzi fuq dan il-punt fejn fost affarijiet ohra, waqt li l-konvenuta sostniet li meta indunat li fl-istess skrittura ma kienx hemm inkluz ix-xoghol tad-drenagg hija lanqas biss kelmet lill-attur, mentri bintha u binha jghidu bil-kontra, tant li sahansitra sostnew li kellmu huma lill-attur dwar l-istess, u wkoll fejn Mary Micallef ziedet li l-inkwiet bejn il-partijiet inqala' proprju fuq dan ix-xoghol ta' drenagg, mentri l-konvenuta sostniet li l-inkwiet inqala' fuq il-hlas akkont u bl-ebda mod ma semmiet il-kwistjoni tad-drenagg.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-istess skrittura giet iffirmata b'qerq tal-attur ma tistax tigi milqugha, proprju minhabba l-inkonsistenzi dwar l-istess, fix-xhieda prodotti mill-konvenuta, u kawza tal-istess l-unika konkluzzjoni plawsibbli hija li l-konvenuta ma' rnexxilhiex tipprova l-allegazzjoni minnha vantata f'dan ir-rigward, li fuq kollox kien l-oneru taghha li taghmel dan. Dan apparti li bl-ebda mod ma jista' jinghad li gie b'xi mod ippruvat li l-attur uza xi mezzi ta' qerq fil-konfront tal-konvenuta sabiex tigi ffirmata l-istess skrittura.

Illi t-tieni punt li tqajjem mill-istess konvenuta huwa li l-attur abbanduna ix-xoghol sabiex immur jahdem ma' terzi. Dan ukoll ma jirrizultax ippruvat mix-xhieda

prodotti ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li gara kien li l-attur staqsa lill-konvenuta sabiex taghtih pagament akkont, li l-konvenuta irrifjutat li taghtih, l-attur waqaf mix-xoghol, u l-konvenuta qabdet perit sabiex jivvaluta x-xoghol li ghamel l-attur u taghtu pagament sabiex thallsu skond il-kalkoli taghha tax-xoghol li lahaq ghamel u b'hekk taqta' kull relazzjoni mieghu, anke ghaliex ma kienitx qed taqbel mal-mod kif l-attur ivvaluta ix-xoghol li lahaq lesta.

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti iz-zewg partijiet, ghar-ragunijiet taghhom, ghazzlu li jwaqqfu r-relazzjoni ta' bejniethom sabiex l-appalt ma jitkompliex, l-attur ghaliex hass li kellu jithallas akkont, u l-konvenuta ghaliex hija hasset li l-attur ma kellux dritt ghall-istess hlas, u iktar ghaliex il-bilanc mitlub mill-attur ghax-xoghol li ghamel kien esagerat, tant li hija hallset lill-attur ic-*cheque* ta' Lm750 sabiex skond il-valutazzjoni "taghha" (li mill-provi hija wkoll qed tikkontesta) maghmula fuq stima ta' perit, l-attur jithallas ghax-xoghol kollu li ghamel. B'hekk hija wkoll itterminat l-appalt li hija kellha mal-attur *ai termini* tal-**artikolu 1640 tal-Kap 16**, u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ma tistax tigi milqugha stante li t-terminazzjoni tal-appalt kien dovut ghat-dizgwid bejn l-istess partijiet, li ghalih ikkontribwew it-tnejn li huma.

Illi pero' dan ma jfissirx li l-attur m'ghandux dritt li jithallas tax-xoghol li ghamel ghaliex skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1640 tal-Kap 16,** kemm meta jkun hemm raguni valida ghal hall tal-kuntratt u kemm meta ma jkunx hemm, l-persuna li ghamlet ix-xoghol ghandha id-dritt li tithallas tax-xoghol li ghamlet, ghalkemm b'certu konsiderazzjoni dwar tnaqqis ghad-danni sofferti fl-ewwel ipotesi skond kif jipprovdu is-**subartikoli (2) u (3)** tal-istess artikolu citat.

Illi fil-fatt fil-kaz in kwistjoni d-divergenza bejn il-partijiet hija kemm huwa fil-fatt il-valur tax-xoghol esegwit mill-attur *ai termini* tal-iskrittura tas-7 ta' Awissu 1995 u dan in relazzjoni mal-ammont hemm pattwit ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000).

Illi fil-fatt l-konvenuta thoss li l-ammont ta' xoghol li lahaq ghamel l-attur kellu l-valur ta' Lm460.74 li bil-VAT jitla' ghall-Lm530, kollox skond stima peritali tal-perit Joseph Agius Bonello datata 4 ta' Ottubru 1995 u esebita bhala Dok. "SM2", u nonostante dan l-konvenuta volontarjament hallset lill-attur is-somma ta' Lm750 pero' fid-9 ta' Settembru 1995.

Illi min-naha l-ohra l-attur isostni li l-valur tax-xoghol minnu esegwit jammonta ghall-Lm1,236.29 skond certifikat peritali tal-Perit Saviour Borg datat 23 ta' Jannar 1996 esebit bhala Dok. "JA 1" a fol. 67 tal-

process. La darba l-attur thallas is-somma ta' Lm750, il-bilanc suppost huwa ta' Lm486.29, pero' l-attur qed jitlob biss l-ammont ta' Lm450 fic-citazzjoni attrici.

Illi skond il-perit tekniku mqabbad minn din il-Qorti jirrizulta li fil-kont presentat mill-konvenuta ma kienux imemmija s-segwenti xoghlijiet u cjoe':-

| | | |
|---|---|---|
| Kontrabejt | 9.71.q.k. @ Lm34. | Lm330.14 |
| Mili ta' bricks fuq il-bejt. | | Lm025.00. |
| Soll tal-konkos fuq il-bejt. | | Lm003.00. |
| Gheluq ta' tieqa' b'gebel, inkluz il-kisi. | | Lm045.00. |
| Total. | | Lm403.14. |

Illi minbarra dan bejn iz-zewg stimi pprezentati mill-partijiet hemm dispkrepanzi sew fir-rati minnhom uzati, kif l-istess perit tekniku jindika fil-paragrafu 20 tar-relazzjoni peritali tieghu, specjalment rigward il-kisi tas-soqfa, kisi tal-hitan, li jvarjaw minn Lm6 il-qasba kwadra ghall-Lm12 u Lm11 rispettivament mill-kont tal-Perit Agius Bonello ghal dak tal-Perit Saviour Borg, u dan apparti it-tikhil tal-hitan, li huwa indikat f'wiehed b'Lm4.50 il-qasba kwadra u fl-iehor bi Lm8.00 il-qasba kwadra.

Illi l-perit tekniku Albert Fenech ikkonkluda li mix-xogholijiet indikati fl-istess skrittura l-kontro-bejt kien sar, izda l-kisi tas-soqfa u hitan u t-tikhil tal-hitan ma sarux fl-interita' taghhom, u z-zrar taht il-madum ma

sarx, u jidher wkoll li mill-kontijiet tal-periti rispettivi tal-partijiet li dwar il-kejl tax-xoghol li effettivament sar mill-attur, iz-zewg periti kienu kwazi jaqblu jew vicin.

Illi mill-istess relazzjoni l-istess Perit Tekniku stabilixxa li l-attur lahaq ghamel nofs u ftit iktar mix-xoghol li kellu fil-fatt jaghmel skond l-iskrittura privata ta’ bejn il-partijiet u wara li l-istess perit tekniku ha in konsiderazzjoni l-ftehim bejn il-partijiet premess u l-ammont hemm iffissat ghax-xoghol kollu hemm pattwit, wasal ghall-konkluzzjoni li l-valur tax-xoghol li lahaq lesta’ l-attur ikkalkulat *pro rata* mal-valur tax-xoghol effettivament esegwit mill-attur kien jammonta ghal elf mija u ghoxrin lira Maltija (Lm1,020).

Illi ghalhekk skond l-istess perit tekniku inkarigat mill-Qorti,  l-ammont bilancjali dovut mill-konvenuta lill-attur huwa ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300).

Illi din il-Qorti taqbel mal-istess konkluzzjonijiet peritali u ghalhekk thoss li l-ammont li l-attur ghandu jithallas mill-konvenuta bhala bilanc ghax-xoghol esegwit minnu jammonta ghall-istess somma likwidata u stabbilita mill-perit tekniku Albert Fenech fl-ammont ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300).

Illi dan qed jinghad stante li din il-Qorti qed ukoll tichad iz-zewgt’ eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn hija ecceppiet li x-xoghol maghmul mill-attur sar bi

traskuragini u fih xi difetti u wkoll fejn sostniet li hija ssuplixxiet il-materjal u dan kellu jitnaqqas mill-ftehim originali, u dan peress li l-istess konvenuta ma gabet l-ebda prova dwar l-istess, u fi kwalunkwe kaz dan ma giex ippruvat minnha u wkoll stante li l-istess perit tekniku Albert Fenech ivvaluta l-istess xoghol tal-attur u bl-ebda mod ma indika li dan kien maghmul bi traskuragini jew kien fih xi difetti, u ghalhekk t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghall-ammont ta' Lm300.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod biss hawn indikat b'dan illi:-

(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) bilanc ta' somma akbar, ghall-appalt ta' kisi, tikhil, u xoghol konness fil-fond taghha minnu hekk esegwit.

Bl-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fis-26 ta' Frar 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta u bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru 1995 u tal-ittri legali tal-15 ta' Settembru 1995, 9 ta' Novembru 1995, 30 ta'

Novembru 1995, u 1 ta' Frar 1996, u tar-relazzjoni peritali kwantu ghall-terz (1/3) karigu tal-attur u kwantu ghall-zewg terzi (2/3) a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Ottubru, 2001**